MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 802/1987/1

**Dottor Carmelo, Philip, Michael
u Jessie xebba, ahwa Vella**

**v.**

**Is-Segretarju tad-Djar, illum Direttur ghall-Akkomodazzjoni
Socjali; u Leonard Muscat u Remigio Sacco bhala President u
Segretarju rispettivament tal-Kazin tal-Banda San Leonardo
ta' Hal-Kirkop, u b'nota tat-12 ta' Dicembru 1994
Leonard Calleja assuma l-atti minflok u fl-istess kwalita`**

**ta’ Remig Sacco stante li dan kien irrizenja minn President**

**Il-Qorti:**

**A.** Din hi kawza ta’ ritrattazzjoni, u ghalkemm il-petizzjoni ta’ ritrattazzjoni giet presentata quddiem din il-Qorti fil-21 ta’ Marzu 1994, din is-sentenza qed tinghata issa minhabba l-*iter* pjuttost kumplikat li hadet il-kawza, li anke spiccat f’certu sens quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kronologikament dak li gara kien hekk:

1. Permezz ta’ citazzjoni presentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Ottubru 1987, l-atturi (l-ahwa Vella) ippremettew li huma propretarji ta’ zewg postijiet adjacenti f’Hal-Kirkop, u cioe` il-fond numru 14 Kirkop Square u l-fond numru 18 St. John’s Alley. Il-fond numru 14 kien gie rekwisizzjonat fl-1955 u allokat mill-allura Segretarju tad-Djar lill-Kazin tal-Banda San Leonardo ta’ Hal-Kirkop biex jintuza mill-imsemmija socjeta` filarmonika. Fit-30 ta’ Dicembru, 1986 is-Segretarju tad-Djar hareg ordni iehor ta’ rekwisizzjoni, din id-darba fuq il-fond numru 18 (li kien mikri lill-attur Dottor Carmelo Vella) u alloka dan il-fond ukoll lill-imsemmija socjeta` filarmonika. In segwitu ghal dan it-tieni ordni ta’ rekwisizzjoni, l-imsemmija socjeta` kienet hadet ukoll pussess ta’ gnien, strutturalment separat miz-zewg fondi, liema gnien kien fil-pussess minn dejjem ta’ l-atturi anke wara l-ewwel ordni ta’ rekwisizzjoni. Skond l-atturi, it-tieni ordni ta’ rekwisizzjoni u l-attijiet kollha li segwew dak l-ordni saru b’abbuz u bi ksur tal-provvedimenti tal-Housing Act 1949 u dana ghal tlett ragunijiet u cioe` (i) li l-ordni ta’ rekwisizzjoni tal-1986 ma harigx fl-interess pubbliku izda biex jigi akkomodat kazin ossia socjeta` filarmonika, li diga kellha “kazin”, u ghaliex l-ordni hareg fuq persuna mejta, (ii) l-ittehid tal-gnien kien imur oltre l-poteri tas-Segretarju tad-Djar, u (iii) l-esekuzzjoni ta’ alterazzjonijiet strutturali fil-fond rekwisizzjonat da parti tas-socjeta` konvenuta kien imur oltre l-poteri tal-konvenut Segretarju tad-Djar skond il-ligi. L-atturi ghalhekk talbu li dik il-Qorti (**i**) tiddikjara l-ordni ta’ rekwisizzjoni numru 29580 tat-30 ta’ Dicembru 1986 bhala

null u bla effett u ghalhekk nulli u bla effett l-attijiet kollha li segwew dak l-ordni, (**ii**) tordna lis-Segretarju tad-Djar sabiex jaghti lura il-pussess tal-fond numru 18 St. John's Alley, Kirkop lilhom u d-detenzjoni materjali lill-attur Dr. Carmelo Vella u, jekk hemm bzonn, tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex immedjatament tirrilaxxja l-istess fond favur l-atturi, u (**iii**) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli *in solidum* ghall-hsarat u danni kagunati bi ksur tal-ligi fil-fond u fil-gnien imsemmija.

2. B'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili[1] tad-9 ta' Ottubru 1991, l-ewwel zewg talbiet tal-atturi gew michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

3. L-atturi appellaw. B'sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta[2], fit-30 ta' Dicembru 1993, is-sentenza appellata giet riformata fis-sens, *inter alia*, li gew milqugha l-ewwel u t-tieni talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Il-Qorti stabbilit, ghall-finijiet tat-tieni talba, terminu ta' sitt xhur mid-data ta' dik l-istess sentenza. L-atti ntbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex din tippronunzja ruhha dwar it-tielet talba attrici. Ghall-ahjar intendiment ta' din il-kawza ta' ritrattazzjoni qed tigi hawn riprodotta dik il-parti ta' din is-sentenza fejn hemm il-motivazzjonijiet li wasslu lil din il-Qorti, kif allura komposta, biex tiddeciedi kif iddecidiet:

"L-appell ta' l-atturi jillamenta illi:- (a) meta ordni ta' rekwizizzjoni issir biex takkomoda socjeta` privata bhal ma hija l-Filarmonika San Leonardo dan ma jkunx sar fl-interess pubbliku, u (b) meta l-istess ordni tohrog kontra persuna mejta ma tistax tkun valida.

"<u>Ir-risposta tad-Direttur</u>

"8. Id-Direttur irrisponda l-appell fis-sens illi (a) l-ordni ta' rekwizizzjoni, meta harget, kienet harget fl-interess pubbliku – bhala skop, (b) illi l-ordni ghandha effetti reali u mhux personali u ghalhekk in-notifika skorretta taghha ma tinvalidax l-effetti taghha, (c) ghall-parti tal-kawza li tirrigwarda l-gnien, dan il-gnien se jigi rilaxxjat u l-

[1] Per Onor. Imhallef Victor Caruana Colombo.
[2] S.T.O. Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici, Onor. Imhallef Carmel A. Agius u Onor. Imhallef Noel Arrigo.

likwidazzjoni tad-danni, limitatament ghad-danni li saru go fih, huwa se jaddivieni ghal-likwidazzjoni taghhom.

“Il-konsiderazzjonijiet necessarji.

“9.  Il-pern tal-kwistjoni prezenti qieghed f’dak li jifssru l-kliem ta’ l-art.3(1) ta’ l-Att II ta’ l-1949 – dwar id-Djar – kif sussegwentement diversi drabi emendat, sa l-emenda pjuttost sostanzjali li saret bl-Att XXXVII ta’ l-1989. Naturalment, dak li jrid jigi f’din il-kawza applikat, huwa t-test tal-ligi kif kien fil-mument rilevanti – jigifieri fit-30 ta’ Dicembru, 1986.

“Jekk is-Segretarju (kif kien jissejjah id-Direttur f’dak iz-zmien) jidhirlu li huwa mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista’ jghammar jew biex jizgura t-tqassim xieraq ta’ postijiet fejn wiehed jista’ jghammar, huwa jista’ johrog rekwizizzjoin ghal kull bini …”

“10.  F’din il-kawza, dak li jrid jigi ezaminat hija l-ewwel parti ta’ l-artikolu u cioe` - illi d-Direttur hareg l-Ordni ta’ Rekwizizzjoni tat-30 ta’ Dicembru, 1986, deherlu li huwa mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku – inkwantu huwa koncess minnu stess li ma harigx l-Ordni la biex jipprovdi lin-nies lok fejn jistghu jabitaw u lanqas sabiex jassikura t-tqassim xieraq ta’ postijiet ta’ abitazzjoni – li huma z-zewg skopijiet l-ohra li l-ligi tipotizza bhala l-motivazzjonijiet jew gustifikazzjonijiet ghall-Ordni ta’ Rekwizizzjoni.

“Il-gurisprudenza

“11.  Il-partijiet fin-noti taghhom ghamlu riferenza ghal sentenzi ta’ dawn il-Qrati li kkonsidraw din l-ewwel ipotesi tal-ligi tad-Djar, u fuqhom din il-Qorti, ghandha dawn l-osservazzjonijiet x’taghmel:-

“(i)  App. 25.1.1957 – V. F. Denaro vs. Onor. E. Tabone ne. et. XLI.I.34.

"Din il-Qorti iddikjarat nulla u bla efett rekwizizzjoni peress li ma gietx osservata l-forma mehtiega mil-ligi.

"Il-forma wzata, fl-ordni, kienet din:-

"Whereas it is expedient in the public interest, for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation …"

"Il-fond rekwizizzjonat kien qed jigi wzat bhala ufficcju tal-Gvern u s-Segretarju tad-Djar kellu d-dritt li jirrikwizizzjona bini fl-interess pubbliku biex dak il-bini jigi wzat bhala ufficcju governattiv, pero` ma setax jirrikwizizzjona fond fl-interess pubbliku sabiex jipprovdi akkomodazzjoni biex fiha jghixu n-nies u biex jassikura distribuzzjoni xierqa ta' postijiet ta' abitazzjoni, imbaghad juza l-fond bhala ufficcju tal-Gvern.

"Din is-sentenza hija orjentata lejn il-prattika giudizzjarja li kienet tiddistingwi bejn forma u sustanza – fejn b'forma tifhem dik li jkun hemm formalizzat fl-Ordni ta' Rekwizizzjoni li johrog is-Segretarju tad-Djar. Tghid is-sentenza:-

"Hu car, mil-lokuzzjoni fuq imsemmija, illi, kienet x'kienet l-intenzjoni ta' l-awtorita` li ghamlet ir-rekwizizzjoni il-kliem uzati jimpurtaw limitazzjoni tal-"public interest" fis-sens li, fil-kaz ta' din ir-rekwizizzjoni partikolari, dan il-"public interest" kien qieghed jigi maghmul jikkonsisti "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation". Il-Gvern seta' liberament uza l-kliem "in the public interest" bla ebda limitazzjoni ta' xejn; izda f'dan il-kaz irrestringa l-portata ta' dik il-frazi, normalment ampia u komprensiva, bil-kliem sussegwenti; b'mod li r-"requisition order" giet li tirriferixxi ghall-iskop ta' abitazzjoni. Issa, hi giurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li ghall-attijiet "jure imperii" (kif inhi "requisition order") il-Gvern mhux sindikabbli mill-Qrati, u dawn ma jistghux jiddiskutu l-opportunita` jew gustizzja ta' provvediment amministrattiv tal-Gvern, jekk l-awtorita` kienet kompetenti li tiehu dak il-provvediment, u jekk dan il-provvediment gie michud *(sic!)* fil-forma li tmiss."

“Wara dan, issegwi riferenza ghal diversi sentenzi li inghataw bejn l-1894 u l-1951.

“(ii) Qorti Civili, Prim’ Alwa – <u>1.2.1958.</u> P. Vella vs Onor. J. Ellul Mercer ne. – Vol. XLII.II.892.

“Din is-sentenza tistabbilixxi illi l-proprjetarju ta’ fond rekwizizzjonat huwa gustifikat li ma jirrikonoxxix bhala inkwilin lis-socjeta` St. Leonard’s Band Club tal-fond 14, Kirkop Square, Hal Kirkop.

“Ir-rikorrent – Pasquale Vella – kien l-awtur ta’ l-atturi tal-prezenti kawza. Dan il-procediment segwa l-ewwel Ordni ta’ Rekwizizzjoni imsemmija fil-kawza.

“(iii) Appell – <u>28.3.1958</u> – W.R.K. Dun E. Farrugia vs. Onor. J. Ellul Mercer ne. Vol. XLII.I.172.

“Din hija sentenza li tiddeciedi rikors ta’ proprjetarju ta’ fond rekwizizzjonat li jitlob li ma jirrikonoxxix bhala inkwilin lill-persuna li s-Segretarju Rekwizizzjonanti jkun pogga fil-fond.

“Hija rrilevanti ghall-vertenza quddiem il-Qorti – hlief ghal dik il-parti taghha li kienet tirrigwarda l-kwistjoin tal-gnien – li pero`, f’dan l-istadju ta’ l-Appell giet accettata mid-Direttur.

“(iv) Appell – <u>3.10.1958</u> – Onor. J. Ellul Mercer ne. vs. Dr. J. Pullicino. Vol. XLII.I.406.

“Din id-decizjoni tikkonsidra x’poteri kellu s-Segretarju, fil-fond rekwizizzjonat, wara li johrog l-Ordni. Ghalhekk mhix rilevanti.

“(v) Qorti Civili, Prim’Awla – <u>10.1.1961.</u> W. Micallef vs. A. Podesta ne.

“Tirrigwarda nuqqas ta’ rikonoxximent ta’ l-inkwilin ta’ fond rekwizizzjonat. Mhix rilevanti.

"(vi) App. 4.5.1973. H. Camilleri vs. A. Reginiano et.

"Din is-sentenza iddecidiet illi Ordni ta' Rekwizizzjoni li tkun harget qabel ma johrogx certifikat ta' dekontroll tal-fond, minhabba f'din l-Ordni posterjuri, ma tibqax valida.

"(vii) Qorti Kostituzzjonali – 19.6.1973. E. Ferro vs. Housing Secretary. M'hemm xejn f'din is-sentenza li tirrigwarda l-interess pubbliku, u ghalhekk hija, ghall-iskopijiet prezenti, irrilevanti.

"(viii) Prim' Awla tal-Qorti Civili – 21.7.1973 – G. Sciberras vs. Housing Secretary et.

"Din is-sentenza – indikata fin-nota ta' riferenzi ta' l-attur – hija rilevanti ghaliex tesponi illi l-giurisprudenza li fuqha kienet bazata s-sentenza hawn fuq indikata (1) Denaro vs. Tabone, li applikat it-teorija tad-dwalita` fl-operat ta' l-Istat – "jure imperii" u "jure gestionis", kienet giet gia kontrastata ghall-ewwel darba fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Jannar, 1935 – Marquis J. Cassar Desain vs. J. L. Forbes ne., u sussegwentement, infatti, generalment, abbandunata – App. – 8.1.1965 R. Butler vs. A. Camilleri ne.; P.A.Q.C. – 14.8.1972 – J. Lowell et. vs. Onor. C. Caruana et.

"F'dan l-istadju huwa opportun li jigi rinotat u rimarkat illi l-giurisprudenza prevalenti, bejn wiehed u iehor, wara l-1964, kienet abbandunat id-duttrina li serviet ghas-soluzzjoni tas-sentenza tal-25.1.1957 – Denaro vs. Tabone, u bdiet tigi segwita, aktar frekwentement dik li tista', koncizament, tigi kwalifikata bhala l-giurisprudenza ispirata mill-principji tar-"Rule of Law" tal-giurisprudenza Ingliza, b'dawk id-differenzi, il inevitabbilment, il-giurisprudenza taghna lahqet assorbiet mid-duttrina tal-"Lo Stato di Diritto" tal-pajjizi kontinentali.

"Din il-Qorti tikkonsidera li din hija t-triq it-tajba, li pero` f'certi kazijiet ghadha arginata mid-disposizzjonijiet ta' l-art. 742 sub-incis (2) li dahal in vigore bl-Att VIII ta' l-1981.

"Is-sentenzi l-ohra li jissemmew fin-nota ta' l-appellat huwa [**recte:** huma] irrilevanti ghall-kaz u m'hemmx ghalfejn jigu konsidrati.

"12. Fil-kaz prezenti, il-problema tal-limitazzjoni tal-kompetenza (art. 742(2) Kap. 12) giet rizoluta fis-sentenza appellata, u ebda lament fuq daqshekk ma gie registrat mill-appellati, u ghalhekk din il-Qorti tista' tghaddi biex tapplika l-principji tad-dritt ghall-meritu tal-kawza.

"L-Interess Pubbliku

"13. Fil-para. 7 s-sentenza appellata taghmel riferenza ghal dak li gie deciz minn din il-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar, 1980, fl-ismijiet A. Galea vs. Onorevoli Dr. P. Holland ne. et. Kwotazjzoni aktar ampja hija din:-

"Fil-fehma ta' din il-Qorti … il-kliem interess pubbliku in kwantu necessarjament jikkomprendu kull aspett tal-hajja socjali ta' pajjiz, huma ta' portata mill-aktar estensiva; u kif ma jistax u qatt ma gie dubitat li fond jista', fl-interess pubbliku jigi rekwizizzjonat ghall-skopijiet kulturali, religjuzi u sportivi, daqstant iehor ma jistax jigi dubitat li fond jista' jigi rekwizizzjonat fl-interess eminentement pubbliku li tigi mhejjiha l-attivita` politika ta' pajjiz …

"Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmulin fis-sentenza appellata, stante li l-interess pubbliku jikkomprendi l-hajja u l-attivitajiet politici promossi minn diversi partiti li jassiguraw it-thaddim tas-sistema demokratiku tal-pajjiz …

"Ghalhekk hu certament fl-interess pubbliku li jkun hemm partiti politici u li dawn isibu fejn jistghu jiltaqghu u jizvolgu l-attivitajiet taghhom."

"Is-sentenza appellata tapprova din il-linja u ghalhekk tikkonkludi:-

"M'hemmx dubju li l-allokament tal-fond lill-kazin konvenut kien fl-interess pubbliku."

"14. Din il-Qorti, bir-rigward kollu, ma tistax tifhem minn fejn gej dan l-intendiment li l-kliem interess pubbliku ghandhom "portata mill-aktar estensiva", specjalment f'kontest giuridiku.

"Il-pubbliku interess li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti, mill-awtorita` pubblika -- emanazzjoni tar-"res publica" – l-universalita` tar-"res" li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet, -- qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Ir-ragunament fis-sentenza Galea vs. Holland huwa fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghall-skopijiet kulturali, jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita` kulturali tkun maghmulha minn awtorita` pubblika u mhux meta tkun maghmulha minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibbilita` ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita` ma tittrasformahiex b'daqshekk minn attivita` li hija intrisikament privata f'attivita` intrinsikament pubblika. U difatti dik l-accessibbilita` tista' tigi ristretta u limitat kif jidhirlu l-interess privat.

"L-istess japplika fil-kaz ta' fond uzat ghal xi skop religjuz. Fi stat bhal dak taghna, il-pluralita` ta' religjonijiet hija ammessa. Ghalhekk ma jistax jinghad li huwa fl-interess pubbliku li fond jittiehed mill-pussess ta' cittadin privat biex jinghata ghall-uzu ta' xi religjon partikolari, kemm jekk din tkun dik li hija prominenti u diffuza fostna, ir-Religjon Kattolika Rumana, u kemm jekk tkun kwalsiasi wahda ohra, bhal per ezempju Musulmana jew Lhudija, Protestanti jew Buddista. L-interess ta' religjon partikolari mhix ekwivalenti ghall-interess pubbliku ta' l-Istat.

"L-istess konsiderazzjonijiet ighoddu ghar-rigward tal-kamp politiku, kulturali jew sportiv. L-interess partikolari ta' partit politiku, ta' xi assocjazzjoni kulturali jew sporitva, kazin jew club, proprju ghaliex huwa partikolari ma jistax ikun identifikat ma' l-interess pubbliku, komuni u generali, proprju ghaliex ma jistax l-interess generali jigi ridott ghall-

interess partikolari. Huma d-drittijiet privati, u mhux l-interess privat, li jistghu, u f'certi kazijiet ghandhom, ikunu materja ta' interess pubbliku. Pero` billi l-materja ta' l-interess tista' tkun l-istess wahda kemm privata u kemm pubblika, xorta ma tistax issir konfuzjoni bejn l-aspett pubbliku u l-aspett privat, ta' l-istess "interess".

"Hekk per ezempju, l-interess pubbliku, minn natura tieghu stess, ma jistax ikun interess li legittimament u ragjonevolment jista' jigi kontrastat minn xi parti mill-generalita` tal-pubbliku; mentri l-interess privat jista' jkun ragjonveolment u legittimament kontestat minn interess privat iehor. Dan il-kriterju jidher li huwa bizzejjed biex iservi bhala kontroll biex tigi identifikata l-kwalita` ta' interess li jkun in kwistjoni.

"15. Huwa vitali li l-kuncett ta' l-interess pubbliku jigi dejjem aktar precizat u ippurifikat minn konnotazzjonijiet improprji. Jekk, per ezempju, id-Direttur konvenut, johrog zewg Ordnijiet ta' Rekwizizjzoni u jalloka l-ewwel fond biex fih tinfetah skola privata u jalloka l-iehor biex fih tinfetah skola pubblika, ma jidhirx li huwa konsentit li jigi ritenut li fiz-zewg kazijiet dak li sar, sar fl-interess pubbliku.

"Din il-Qorti, fl-imsemmija sentenza Galea vs. Holland kienet argumentat illi gialadarba l-Edukazzjoni hija ta' interes pubbliku allura ghandu jkun hemm skejjel li jippropagaw l-edukazzjoni. Dan izda mhuwiex logikament preciz – ghaliex il-punt mhuwiex jekk l-Edukazzjoni hijiex ta' interess pubbliku, izda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jipprovdi fond immobbli, ghal skola privata billi jirrikwizizzjona proprjeta` privata. Jekk dan ma jigix precizat, il-koncett ta' interess pubbliku jigi improprjament estiz ("portata mill-aktar estensiva") biex jawtorizza l-indhil ta' l-Istat f'kull attivita` koncepibbli, inkwantu llum, prattikament, kull attivita` tinteressa l-Istat modern, u ghalhekk flok mal-koncett iservi sistema demokratiku, jigi jservi sistema totalitarju. Kif facilment jista' jigi intuwit, proprju ghaliex m'hemm ebda limitazzjoni koncettwali dan il-kwalita` ta' "interess pubbliku" jista' facilment jasal ukoll biex jimmina anki d-drittijiet u libertajiet fundamentali, billi

skond l-art. 32 tal-Kostituzzjoni, kull persuna hija intitolata ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali, jigifieri d-dritt ghall-hajja, liberta`, sigurta` tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjeta` u l-protezzjoni tal-ligi, il-liberta` ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' assocjazzjoni pacifika u r-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu – liema drittijiet pero` huma suggetti ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ohrajn u ta' l-interess pubbliku. M'huwiex ghalhekk possibbli ghal din il-Qorti li taqbel ma' dawk il-konnotazzjonijiet ta' l-interess pubbliku li semmew.

"16. Huwa ghalhekk minn kull punto di vista giuridiku, -- fundamentali tad-Dritt, li mieghu illum jikkonkordaw il-principji kostituzzjonali akkwiziti -- doveruz li jigi ritenut u dikjarat illi huma totalment inammissibbli z-zewg enuncjazzjonijiet fallaci li hemm fiz-zewg sentenzi li gew kwotati:-

"(a) L-ewwel wahda, li qalet:-

"Il-Gvern seta' liberament uza l-kliem "in the public interest" bla ebda limitazzjoni ta' xejn".

billi (i) din timplika li l-uzu ta' dik il-frazi kienet effettivament tillibera l-Gvern minn kull limitazzjoni fl-azzjoni tieghu, u (ii) u li dawk il-kliem allura, tant ifissru li jikkomprendu kollox, li daqstant iehor difatti, jista' jinghad li ma jfissru xejn jew ifissru l-kuntrarju billi "bla ebda limitazzjoni" tfisser ukoll "against the public interest but in its name", (Denaro vs Tabone 25.1.1957) u,

"(b) it-tieni, is-sentenza Galea vs. Holland 20.1.1980, li kompliet fuq l-istess Denaro vs. Tabone, billi qalet:-

"il-kliem interess pubbliku in kwantu necessarjament jikkomprendu kull aspett tal-hajja socjali ta' pajjiz, huma ta' portata mill-aktar estensiva; u kif ma jistax u qatt ma gie dubitat li fond jista', fl-interess pubbliku jigi rekwizizzjonat ghall-iskopijiet kulturali religjuzi u sportivi, daqstant iehor ma jistax jigi dubitat li fond jista' jigi rekwizizzjonat fl-interess eminentement pubbliku li tigi mhejjija l-attivita` politika ta' pajjiz".

billi (a) tikkonfondi u tonqos li tiddistingwi bejn, l-interess pubbliku u l-interess privat, billi l-privat isir pubbliku, u (b) tirriduci kuncett giuridiku bhal ma huwa l-interess pubbliku – koncett necessarju ghal sistema giuridiku demokratiku – ghal mera espressjoni vaga u vakwa li sservi kull forma ta' statalizmu.

“17. Finalment, imbaghad, u konsegwentement, din il-Qorti, konfrontata b'koncett ta' din l-importanza u ta' konsegwenzi primarji ghall-istess Kostituzzjoni ta' l-Istat ma tistax tkun annoverata ma'

“…sceptics (who) often buttress their arguments by pointing out that most theoretical writing about the public interest is vague and confused.”

(B. Barry – “The Public Interest in Political Philosophy”. Edited by A. Quinton. Oxford University Press Reprint 1968 p.122) u dan, billi hija fid-dover li tinterpreta l-kliem kardini ghall-Kostituzzjoni, fl-ispirtu xieraq ghal htiega kollawdata li:-

“Every human society must strike a proper balance between individual liberty and common action”

(Michael Novak – Free Persons and the Common Good – Madisan 1989 p.122) fejn l-azzjoni komuni ghaliex kommunitarja, hija verament gustifikata mill-interess pubbliku u komuni.

<u>“Id-Diskrezzjoni.</u>

“18. Il-poter li l-ligi kienet tikkoncedi lis-Segretarju tad-Djar (kif kien jissejjah f'dak iz-zmien) biex jista' jirrekwizizzjona kien cirkoskritt ghal tlett skopijiet, li diga` ssemmew. L-iskop li huwa rilevanti huwa l-ewwel wiehed li jissemma' fl-Art. 31(1) Kap. 125 u cioe` – l-interess pubbliku. Is-sentenza appellata, fil-para.5, korrettement irriteniet illi galadarba l-atturi qeghdin jallegaw li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni ma hargitx fl-interess pubbliku allura s-Segretarju ecceda l-poter lilu koncess u opera “ultra

vires"; bil-konsegwenza li l-kompetenza tal-Qorti ma gietx eskluza in konformita` ma' l-Art. 742(2)(a) Kap. 12.

"19. Id-diskrezzjoni li dan l-artikolu jikkoncedi lis-Segretarju hija espressa hekk:-

"Jekk is-Segretarju jidhirlu li hu mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk…"

jigifieri li meta jirrikorri xi wiehed mit-tlett skopijiet li ssemmi l-ligi, allura d-decizjoni jekk jirrikwizizzjonax jew le tiddependi mill-volonta` tieghu.

"Din il-koncessjoni diskrezzjonali hija tali ghaliex l-ezercizzju ta' volonta` mhollija libera ma tistax tkun ridotta ghal xi oggettivita` li tista' tigi sindakata.

"L-iskopijiet li jiggustifikaw ordni ta' rekwizizzjoni – ghal kuntrarju – huma ta' natura oggettiva, – jigifieri jridu jirrizultaw oggettivament u ghalhekk huma passibbli ta' kontroll u verifika u sindakabbli.

"Ghalhekk m'hemmx lok ghal konfuzjoni li hafna drabi ssir billi tigi prospetta [**<u>recte</u>:** prospettata] posizzjoni diskrezzjonali meta, fir-realta`, guridikament, din ma tkunx hekk.

"20. Del resto, ghandu jigi osservat illi ma kienx hemm konsistenza fl-argument tradizzjonali ta' l-ewwel approcc giurisprudenzjali kif esemplifikat fis-sentenza Denaro vs. Tabone (para. 11(I) supra) ghaliex jekk il-Qorti kienet tannulla Ordni ta' Rekwizizzjoni jekk jirrizulta bil-miktub li l-iskop li ghailh harget l-Ordni ma jaqbilx ma' dak l-uzu li attwalment isir mill-fond, l-istess ghandu jkun ir-rizultat meta dak l-uzu ma jkunx jista' jigi attwalment gustifikat mill-ebda wiehed mill-iskopijiet li jistghu jillegittimaw l-Ordni ta' Rekwizizzjoni. Jekk kemm il-darba kien kontra l-ligi li s-Segretarju jghid li se jirrikwizizzjona l-fond fl-interess pubbliku biex jipprovdi akkomodazzjoni residenzjali u mbaghad juzah bhala ufficcju tal-Gvern – (u

l-Qorti hemmhekk dan iddikjaratu) – biex setghet tiddikjarah kellha bilfors tezamina jekk kemm il-darba kienx hemm konformita` bejn dak li tghid il-ligi u dak li ghamel is-Segretarju.

“Anzi f’dak li qalet fis-sentenza hemm implicitu dak li qed tghid li ma taghmilx – cioe` qed tididkjara li meta s-Segretarju jghid li f’isem l-interess pubbliku jirrikwizizzjona fond biex jallokah ghar-residenza ta’ xi persuna u biex jassikura distribuzzjoni ekwa ta’ l-akkomodazzjoni residenzjali – dan ma setax jaghmlu ghaliex huwa stess kien qed jirristringi l-portata tal-frazi, il-Qorti qed effettivament tiddeciedi fuq is-sinjifikat ta’ l-interess pubbliku u qed tghid li f’dak is-sinjifikat ristrett is-Segretarju agixxa hazin proprju ghaliex dak li ghamel ma jaqbilx ma’ dik il-konnotazzjoni ristretta. Mentri jekk dik il-konnotazzjoni tithalla bla precizazzjoni allura l-qorti ma tissindakahiex. U dan meta fl-istess waqt qed tafferma illi l-interess pubbliku m’ghandu l-ebda restrizzjoni fil-konnotazzjoni.

“Del resto l-Qorti kienet qed issegwi dak li deherilha li tista’ tiddeduci mill-kliem tal-ligi stess illi meta din issemmi, bhala skopijiet distinti ta’ l-azzjoni tad-Direttur rekwizizzjonanti (a) l-interess pubbliku, (b) biex jipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista’ jghammar, (c) biex jizgura t-tqassim xieraq ta’ postijiet fejn wiehed jista’ jghammar, dan ifisser illi z-zewg skopijiet (b) u (c) ma kienux komprizi fl-ewwel skop (a) – l-interess pubbliku – u b’hekk kienet kontemporanjament qed tirrikonoxxi li allura ma kienx assolutament u verament possibbli li jinghad li kollox kien armonjozament logiku.”

4. Fil-21 ta’ Marzu 1994 is-socjeta` Kazin tal-Banda San Leonardo ppresentat petizzjoni ta’ ritrattazzjoni quddiem din il-Qorti (dejjem diversament komposta milli kif inhi llum). Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali aderixxa ruhu ma’ din it-talba ghal ritrattazzjoni. L-aggravju tas-socjeta` ritrattanda huwa s-segwenti:
“Illi l-esponent ihoss illi hemm bazi ghal ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu E tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta

peress li qed jigi rilevat li l-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.

“Illi l-Qorti tal-Appell tat interpretazzjoni hazina ta’ x’inhu interess pubbliku. Meta l-Qorti ghamlet dan m’ghamlitux billi ghamlet interpretazzjoni tal-ligi. L-ezercizzju tal-Qorti kien biex tissindika jekk li tiehu propjeta` biex jintuza bhala kazin, jikkwalifikax bhala fl-interess pubbliku jew le. L-esponent jirrileva li l-kwistjoni kollha hi jekk din il-Qorti setatx taghti interpretazzjoni jew le tal-kliem uzat fil-ligi, ossia nteress pubbliku.

“Illi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 125 jiddisponi espressament li s-segretarju jista’ johrog rekwizizzjoni jekk jidhirlu li hu mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku et segue. Il-Qorti kkummentat li mela s-Segretarju responsabbli mir-rekwizizzjonijiet ta’ fondi hu pregluz [**<u>recte</u>:** prekluz] milli johrog *‘requisition order’* jekk mhux ghall-inqas ghax jidhirlu li jkun mehtieg ghal skop pubbliku.

“Illi l-Qorti trattat a fondo x’jidhrilha li hu nteress pubbliku u li l-Kazin tal-Banda ma jinkwadrax ruhu f’dan l-ambitu. In effetti, l-Qorti hadet l-izbriga tezamina bir-reqqa kollha tal-gurisprudenza [**<u>recte</u>:** il-gurisprudenza] citata mill-kontendenti.

“Illi l-esponent jirrileva illi skond il-gurisprudenza kostanti taghna, il-Qrati taghna ma jistghu qatt jidhlu f’kwistjoni ta’ x’inhu nteress pubbliku jew le. Il-gurisprudenza taghna hija fis-sens li jispetta biss li l-awtorita` koncernata tara hi x’inhu fl-interess pubbliku jew le. Mela l-posizzjoni legali taghna hi li l-Qorti tista’ tissindika biss jekk ir-requisition order tkunx harget a bazi ta’ dak li s-Segretarju jkun jidhirlu li hu fl-interess pubbliku jew jekk tkunx inharget ghal raguni ohra. Il-Qorti una volta li hemm dikjarazzjoni simili, ma jkollhiex aktar gurisdizzjoni fuq il-materja u r-requisition order mahruga fuq tali premessi, mhux punjabbli *(sic)*. Li gie deciz f’din il-kawza hu biss jekk il-Qorti ghandhiex il-poter tissindika d-deskrizzjoni tad-direttur/segretarju in kwistjoni minhabba fl-Artikolu 742(3) tal-Kapitolu 12. Fuq dan il-punt, il-Qorti pronunzjat ruhha li

ghandha u hekk hu. Il-Qorti ghandha l-poter tezamina per ezempju, jekk is-Segretarju de quo jkunx hareg requisition order ghal xi raguni, u ma jghidx, per ezempju, li tkun saret fl-nteress pubbliku, bhal per ezempju ghax jidhirlu li r-requisition order tkun konvenjenti fic-cirkostanzi. Il-Qorti, pero`, ma ddecidietx bhala punt tad-dritt per se l-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tistax tissindika d-deskrizzjoni tas-Segretarju li jiddeciedi hu x'inhu fl-interess pubbliku jew le.

"Illi minhabba f'dan kollu, meta l-Qorti ddecidiet li r-requisition order mertu ta' din il-kawza harget inkorrettement, peress li Kazin tal-Banda mhux kwistjoni li tirrigwarda l-interess pubbliku, interpretat il-ligi b'mod hazin ghax f'dan il-kaz ir-requisition order in kwistjoni harget wara li s-Segretarju responsabbli ddikjara li qed johrogha minhabba fl-interess pubbliku, u x'inhu fl-interess pubbliku bl-ebda mod mhu sindakabbli minn din il-Qorti."

5. Din ir-ritrattazzjoni giet quddiem din il-Qorti komposta bl-istess mod bhal meta nghatat is-sentenza tat-30 ta' Dicembru 1993. Gew presentati diversi noti mill-partijiet[3]. B'digriet moghti fit-13 ta' Marzu 1995, l-Imhallfin li kienu allura jikkomponu din il-Qorti (ara nota *in calce* numru 2) irrespingew l-eccezzjoni tar-rikuza taghhom. Fid-19 ta' April 1995 is-socjeta` ritrattanda ippresentat rikors quddiem din il-Qorti fejn infurmatha li hija kienet ser

---

[3] Fosthom nota (tat-12 ta' Dicembru 1994) tas-socjeta` ritrattanda li rribadiet li *"...meta l-esponenti sostnew li din il-Qorti kienet ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi, kienu qed jirreferu ghall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta."* F'rikors li s-socjeta` ritrattanda ghamlet fit-3 ta' Frar 1995 ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jinghad ukoll: *"Illi wara konsiderazzjonijiet ulterjuri u wara li ha konjizzjoni tar-risposta ta' l-intimati, jidhirlu* (sic!) *li l-Qorti kellha tapplika l-Artikolu 742(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta."* Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 742 li ghalih qed issir hawn referenza huwa evidentement dak kif kien qabel l-emendi tal-1995 (permezz ta liema emendi l-Artikolu 742 gie sostitwit bl-Artikolu 283 tal-Att XXIV ta' l-1995) u li kien jipprovdi hekk: *"Ebda Qorti f'Malta ma ghandha gurisdizzjoni li tistharreg il-validita` ta' xi ghemil jew haga ohra li tkun saret mill-Gvern jew minn xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-esercizzju tal-funzjonijiet pubblici taghhom jew li tiddikjara xi ghemil jew haga bhal dawk nulli jew invalidi jew minghajr effett, hlief u sakemm – (a) dak l-ghemil jew haga ma tkunx* ultra vires*; jew (b) dak l-ghemil jew haga ma tkunx b'mod car bi ksur ta' disposizzjoni esplicita ta' ligi miktuba; jew (c) il-forma jew il-procedura xierqa ma tkunx giet segwita f'haga mportanti u dan in-nuqqas ikun wassal ghal pregudizzju sostanzjali: Izda ghemil jew haga li tkun fil-limitu tas-setghat generali jew specjali ta' persuna jew awtorita` m'ghandhiex titqies li hi* ultra vires *kemm-il darba l-ghemil jew il-haga ma tkunx b'mod car u esplicitu projbita jew eskluza b'ligi miktuba."*

tikkontesta kostituzzjonalment id-decizjoni taghha li r-ritrattazzjoni tinstema’ mill-istess tlett Imhallfin li kienu taw is-sentenza tat-30 ta’ Dicembru 1993 u ghalhekk talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. B’digriet moghti fil-15 ta’ Mejju 1995 din il-Qorti kif allura komposta cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Fis-17 ta’ Jannar 1996 din il-Qorti[4] ddecidiet il-kawza ta’ ritrattazzjoni billi cahdet it-talba ghal ritrattazzjoni.

6. Il-kawza kostituzzjonali giet finalment deciza (quddiem il-Qorti Kostituzzjonali) wkoll kontra s-socjeta` Kazin tal-Banda San Leonardo. L-imsemmi Kazin ha l-kaz tieghu quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u din il-Qorti, b’decizjoni moghtija fl-24 ta’ Lulju 2004, iddecidiet li bil-fatt li s-sentenza tas-17 ta’ Jannar 1996 kienet inghatat minn Qorti kollegjali fejn tnejn mill-Imhallfin kienu l-istess Imhallfin li taw is-sentenza tat-30 ta’ Dicembru 1993 kien gie lez l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti ta’ Strasbourg kompliet tghid fis-sentenza taghha li *“…it considers that, in principle, the most appropriate form of relief would be to ensure that the applicant is granted in due course a retrial by an independent and impartial tribunal…”*

7. B’rikors presentat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta’ Novembru 2004, il-Kazin tal-Banda San Leonardo talab l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319. B’digriet moghti mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta’ Marzu 2005 dik il-Qorti pprovdiet billi hassret u annullat is-sentenza tas-17 ta’ Jannar 1996, qieghdet lill-partijiet fil-kawza fl-istess posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma bdiet tinstema’ l-petizzjoni ta’ ritrattazzjoni, u ordnat li l-istess l-petizzjoni ta’ ritrattazzjoni (tal-21 ta’ Marzu 1994) terga’ tinstema’ fid-19 ta’ April 2005 mit-tieni sezzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell (b’mod li l-Imhallfin sedenti f’dik il-Qorti – il-Qorti odjerna – m’ghandhomx ikunu l-istess Imhallfin li ddecidew l-appell fit-30 ta’ Dicembru 1993 jew li ddecidew il-kawza in prim istanza).

**B.** Il-kwistjoni li ghalhekk hija rimessa quddiem din il-Qorti llum hija jekk hemmx lok ta’ ritrattazzjoni, u cioe` jekk

[4] Issa komposta mill-Onor. Imhallef Carmel A. Agius bhala Agent President, u mill-Onor. Imhallef Noel Arrigo u l-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo.

hemmx lok li s-sentenza tat-30 ta' Dicembru 1993 tigi mhassra u l-kawza tigi ritrattata fl-appell fuq l-appell originarjament intavolat mill-ahwa Vella.

**C.** Il-pretensjoni tas-socjeta` ritrattanda – ma' liema pretensjoni, kif inghad, qed jaderixxi wkoll id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali – hija bbazata fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12. Din id-disposizzjoni tipprovdi li jkun hemm lok ta' ritrattazzjoni jekk is-sentenza fi grad ta' appell "tkun applikat il-ligi hazin"; l-istess disposizzjoni tkompli tghid li "ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni." U l-Artikolu 816 tal-istess Kap. 12 jipprovdi wkoll li, meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi (bhal fil-kaz odjern), ic-citazzjoni jew ir-rikors (f'dan il-kaz il-petizzjoni stante li r-ritrattazzjoni f'dan il-kaz intalbet qabel l-emendi introdotti fil-Kap. 12 bl-Att XXIV tal-1995) "…ghandu jsemmi il-ligi li kien imissha giet applikata." (sottolinear ta' din il-Qorti).

**D.** Fl-udjenza tad-19 ta' April 2005 quddiem din il-Qorti id-difensuri tal-partijiet – Dott. Edward Zamit Lewis ghas-socjeta` ritrattanda, Dott. Ian Refalo ghar-ritrattati l-ahwa Vella, u d-Deputat Avukat Generali Dott. Peter Grech u Dott. Hubert Theuma ghad-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali – qablu li din il-Qorti tiehu konjizjoni ta' l-atti kollha gia` presentati sussegwenti ghall-petizzjoni ta' ritrattazzjoni tal-21 ta' Marzu 1994 (salv, naturalment, ghas-sentenza tas-17 ta' Jannar 1996)[5].

**E.** Kif inghad, is-socjeta` ritrattanda qed tinvoka il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 u qed tghid, in sintesi, li din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-30 ta' Dicembru 1993, interpretat hazin l-Artikolu 3 tal-Kapitolu

[5] Kien hemm qbil ukoll bejn il-partijiet f'din l-udjenza li l-okkju tal-kawza jibqa' jidher kif jidher fil-petizzjoni ta' ritrattazzjoni presentata fil-21 ta' Marzu 1994 u dan stante li llum, bil-ligi kif inhi, il-Kazin tal-Banda San Leonardo, Kirkop, jista' jidher fil-kawza minghajr il-htiega ta' nies jirrapresentawh.

125[6], u aktar specifikatament li interpretat hazin – jew ma kellhiex tinterpreta, li tfisser bazikament l-istess haga – il-kuncett ta’ “interess pubbliku” f’dik il-parti tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu li kienet tghid testwalment hekk: “Jekk is-Segretarju jidhirlu li hu mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista’ jghammar jew biex jizgura t-tqassim xieraq ta’ postijiet fejn wiehed jista’ jghammar…”. Li s-socjeta` ritrattanda qed timpunja din l-interpretazzjonji jirrisulta car mill-istess petizzjoni ta’ ritrattazzjoni, ghalkemm l-istess socjeta` dana tghidu, jew tipprova tghidu, b’certu raggir tal-kliem u dan ghax taf ben tajjeb bil-limitazzjonijiet inerenti fil-paragrafu (e) tal-imsemmi Artikolu 811:

**“Illi l-Qorti ta’ l-appell tat interpretazzjoni hazina ta’ x’inhu interess pubbliku. Meta l-Qorti ghamlet dan m’ghamlitux billi ghamlet interpretazzjoni tal-ligi. L-esercizzju tal-Qorti kien biex tissindika jekk li tiehu proprjeta` biex jintuza bhala kazin, jikkwalifikax bhala fl-interess pubbliku jew le. L-esponent jirrileva li l-kwistjoni kollha hi jekk din il-Qorti setghetx taghti interpretazzjoni jew le tal-kliem uzat fil-ligi, ossia nteress pubbliku…Illi minhabba f’dan kollu, meta l-Qorti ddecidiet li r-requisition order mertu ta’ din il-kawza harget inkorrettement, peress li Kazin tal-Banda mhux kwistjoni li tirrigwarda l-interess pubbliku, interpretat il-ligi b’mod hazin ghax f’dan il-kaz ir-requisition order in kwistjoni harget wara li s-Segretarju responsabbli ddikjara li qed johrogha minhabba fl-interess pubbliku, u x’inhu l-interess pubbliku bl-ebda mod ma hu sindakabbli minn din il-Qorti.”**

Hu evidenti ghal din il-Qorti li hawnhekk is-socjeta` ritrattanda qed tipprova tghatti x-xemx bl-gharbiel. Li tghid li ma kienx hemm lok ta’ interpretazzjoni, jew li qorti ma kellhiex tinterpreta disposizzjoni tal-ligi li effettivament interpretat, jammonta fir-realta` ghal interpretazzjoni – se mai, interpretazzjoni zbaljata – ta’ dik l-istess

[6] S’intendi, kif dana l-artikolu kien qabel ma gie sostitwit bl-Artikolu 4 tal-Att XXXVII ta’ l-1989 – ara l-parti tas-sentenza tat-30 ta’ Dicembru 1993 riportata *supra*.

disposizzjoni. Kienet tkun differenti l-posizzjoni li kieku s-socjeta` ritrattanda indikat – kif jezigi tassattivament l-Artikolu 816 ga citat – xi disposizzjoni tal-ligi li kellha minflok tigi applikata u li kienet tghid espressament li dak li hu “fl-interess pubbliku” jiddecidih biss is-Segretarju u li l-Qrati huma prekluzi milli jissindakaw l-esercizzju ta’ dik id-diskrezzjoni jew decizjoni tal-imsemmi Segretarju. Is-socjeta` ritrattanda, fil-petizzjoni taghha, ma indikat ebda disposizzjoni simili, u dan in-nuqqas huwa fih innifsu diga raguni valida biex il-petizzjoni tigi respinta (ara **Catherine Caruana et v. Anna Schembri et**, Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) 20/10/2003). Kif diga` inghad, fin-nota tat-12 ta’ Dicembru 1994 is-socjeta` ritrattanda baqghet tinsisti li l-applikazzjoni hazina tal-ligi kienet proprju tal-Artikolu 3 tal-Kap. 125, filwaqt li fir-rikors tat-3 ta’ Frar 1995 ghamlet referenza ghall-Artikolu 742(2)[7] tal-Kap. 12 (ara nota *in calce* numru 3, *supra*). Pero` anke hawn is-socjeta` ritrattanda m’ghandhiex ragun. Minn qari akkurat tas-sentenza li qed tigi impunjata hu evidenti li din il-Qorti interpretat il-kuncett ta’ “interess pubbliku” mhux biss fl-Artikolu 3 tal-Kap 125 in isolament imma addirittura anke fid-dawl tal-limitazzjonijiet allura vigenti u naxxenti mis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 742. In fatti din il-Qorti qalet espressament hekk: *“F’dan l-istadju huwa opportun li jigi rinotat u rimarkat illi l-gurisprudenza prevalenti, bejn wiehed u iehor, wara l-1964 kienet abbandunat id-duttrina li serviet ghas-soluzzjoni tas-sentenza tal-25.1.1957 – Denaro vs. Tabone, u bdiet tigi segwita aktar frekwentement dik li tista’ koncizament, tigi kwalifikata bhala l-gurisprudenza ispirata mill-principji tar-“Rule of Law” tal-gurisprudenza Ingliza, b’dawk id-differenzi, li inevitabbilment, il-gurisprudenza taghna lahqet assorbiet mid-duttrina tal-“Lo Stato di Diritto” tal-pajjizi kontinentali. Din il-Qorti tikkonsidra li din hija t-triq it-tajba, li pero` f’certi kazijiet ghadha arginata mid-disposizzjonijiet ta’ l-art. 742 sub-incis (2) li dahal in vigore bl-Att VIII tal-1981…L-iskop*

[7] Li huwa differenti mis-subartikolu (3) tal-Artikolu 742 – dejjem kif dan kien qabel l-emendi tal-1995 – u li jissemma’ fil-petizzjoni ta’ ritrattazzjoni. Is-socjeta` ritrattanda fl-imsemmija petizzjoni, pero`, taghmilha cara li m’ghandhiex kwistjoni dawr is-subartikolu (3); infatti jinghad fil-petizzjoni: *“Li gie deciz f’din il-kawza hu biss jekk il-Qorti ghandhiex il-poter tissindika d-diskrezzjoni tad-direttur/segretarju in kwistjoni minhabba fl-Artikolu 742(3) tal-Kapitoli 12. Fuq dan il-punt il-Qorti pronunzjat ruhha li ghandha u hekk hu.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

*li huwa rilevanti huwa l-ewwel wiehed li jissemma' fl-art. 3(1) Kap. 125 u cioe`-- l-interess pubbliku. Is-sentenza appellata, fil-para. 5, korrettement irriteniet illi galadarba l-atturi qeghdin jallegaw li l-Ordni ta' Rekwisizzjoni ma harigx fl-interess pubbliku allura s-Segretarju ecceda l-poter lilu koncess u opera "ultra vires"; bil-konsegwenza li l-kompetenza tal-Qorti ma gietx eskluza in konformita` ma' l-art. 742(2)(a) Kap. 12."* Fi kliem iehor, din il-Qorti, fis-sentenza impunjata, interpretat ukoll l-Artikolu 742(2) tal-Kap. 12 biex waslet ghad-decizzjoni li setghet tinterpreta l-espressjoni "interess pubbliku" fl-Artikolu 3 tal-Kap. 125.

**F.** Issa, hija gurisprudenza tista' tghid illum centenarja, apparti li hi kostanti, li ritrattazzjoni taht il-paragrafu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 hija ammessa mhux meta tkun saret interpretazzjoni zbaljata ta' disposizzjoni (jew disposizzjonijiet) tal-ligi izda meta tkun manifestament giet applikata disposizzjoni tal-ligi meta kellha tigi applikata disposizzjoni ohra. Huwa bizzejjed f'dan ir-rigward li jigu senjalati s-segwenti sentenzi[8] in materja: **Rev. Sac. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aquilina**, Appell Superjuri 18/4/1958; **Carmelo Busuttil v. Mary Gauci et**, Appell Superjuri 24/1/1997; **Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D.** Appell Superjuri 27/3/2003; **Michael Cutajar v. Roberta Muscat** Appell Inferjuri 12/5/2003; **Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri** Appell Inferjuri 2/6/2003; **Julian Sammut et noe v. Mary sive Marlene Mizzi et** Appell Superjuri 30/6/2003; u **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et** Appell Superjuri 10/10/2003. Fil-kaz in dizamina, invece, ghandna kjarament interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet applikabbli ghall-kaz – anzi l-appell kollu kien proprju dwar din l-interpretazzjoni u xejn aktar – apparti li, kif inghad, hemm id-difett formali fil-petizzjoni ta' ritrattazzjoni minhabba l-fatt li fl-istess att promotorju ma gietx indikata d-disposizzjoni tal-ligi "li kien imissha giet applikata" (Art. 816, Kap. 12). F'dan is-sens it-talba ghal ritrattazzjoni hija mhux biss infondata izda l-istess petizzjoni tirrazenta l-fieragh. Kjarament ma hemm lok ta' ebda ritrattazzjoni ghax fis-sentenza taghha tat-30

[8] Li f'xi whud minnhom hemm referenza ghal sentenzi aktar antiki.

ta’ Dicembru 1993 din il-Qorti ma applikatx il-ligi hazin fis-sens tal-paragrafu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12.
**G.** Konsegwentement it-talba kif migjuba fil-petizzjoni tal-21 ta’ Marzu 1994 ghat-thassir tas-sentenza ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ Dicembru 1993 qed tigi michuda peress li ma hemmx lok ta’ ritrattazzjoni skond il-paragrafu (e) tal-imsemmi Artikolu 811. L-ispejjez kollha ta’ din l-istanza jithallsu mis-socjeta` ritrattanda (cioe` mill-Kazin tal-Banda San Leonardo ta’ Hal-Kirkop), hlief ghall-ispejjez tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali li ghandhom jigu sopportati mill-istess Direttur in vista tal-posizzjoni – posizzjoni zbaljata – li dana ghogbu espressament jiehu f’din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------